MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2011

Rikors Numru. 26/2001/1

**Lilian Martinelli Robert Santucci, Rosario Vincent Santucci, Vincent Santucci, Carmelina Pisani u b'digriet tat 12.11.08 ta' dan il-Bord wara l-mewt ta' Robert u Rosario Vincent Santucci, l-atti kienu trasfuzi f'isem Lilian Martinelli, Vincent Santucci u Carmelina Pisani.**

**vs**

**Michael Zammit Tabona bhala President u Daniel Sullivan bhala Segretarju ghan-nom u fl-interess ta' Naxxar Lions Football Club**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur:

Illi l-esponenti bhala aventi kawza mis-Sur Anthony Ciappara, jikru lill-Club intimat il-fond numru 29/30, Victory Street, Naxxar, bil-kera ta' Lm30 fis-sena pagabbli kull

sena bil-quddiem, l-iskadenza li jmiss fl-1 ta' Marzu 2002 (Dok A)

Illi l-imsemmi Club intimat mhux qed juza dan il-fond skond id-destinazzjoni tieghu, ghamel diversi xogholijiet strutturali fih minghajr il-permessi mehtiega u rikjesti mil-ligi, u ghamlu wkoll hsarat fil-fond u bidlu l-istil u n-natura tieghu, kif iccertifika l-perit Albert Fenech (Dok B), liema ragunijiet jintitolaw lis-sidien jirriprendu l-pussess vojt tal-istess fond;

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett kollu jitolbu li dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom sabiex jirripretendu l-pussess battal tal-imsemmi fond gewwa n-Naxxar, fi tmiem ir-rilokazzjoni korrenti, u ghaldaqstant jordna l-izgumbrament tal-Club mill-imsemmi fond;

Ra r-risposta tal-Club intimat li tghid hekk:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti;

Illi pretenzjonijiet sollevati fil-konfront tal-klabb intimat hu ghal kollox inaccettabbli, liema haga se tigi ppruvata fil-mori tal-kawza;

Illi apparti mis-suespost din il-kawza hi purament spekulattiva u vessatorja da parti tar-rikorrenti u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

Illi apparti mis-suespost, il-klabb bhala entita' se jbati 'hardship' bla bzonn, liema haga l-anqas ma' qed tirrizulta mir-rikors promutur tar-rikorrenti w dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza li ilha stabillita fil-post inkwistjoni mill-inqas minn 1943;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi jinghad mill-ewwel illi l-ahhar objezzjoni tal-intimati ser tkun mwarrba minn dan il-Bord ghaliex din hija azzjoni tendenti ghall-mutament ta' relazzjoni minhabba allegati nuqqasijiet tal-Club intimat u mhux azzjoni intiza ghar-ripreza minhabba bzonn tal-fond fejn allura kienet tkun ammissibbli l-objezzjoni tal-*hardship*;

Dan precizat, l-ewwel prova mressqa mir-rikorrenti hija perizja *ex parte* mhejjija mill-perit arkitett taghhom (fol 4 sa 7) u minnu kkonfermata bil-gurament fejn il-fond in meritu huwa deskritt bhala "dar antika ta' zewg sulari b'kantina sottostante uzata bhala football club, li wara li sar tibdil strutturali sostanzjali, u nbnew xi kmamar, … id-dar tilfet il-karrateristici li kellha bhala dar antika ma' genb il-Knisja parrokkjali tan-Naxxar fil-qalba tar-rahal, b'zewg faccati kartabu ma' xulxin, b'faccata wahda fuq il-pjazza, u l-ohra fuq it-triq ta' ma' genb il-knisja". Dan ir-rapport izid jghid li l-hitan ta' barra kienu mbaqqna matul il-pjan terran kollu. Tnehhew hitan interni fil-pjan terren u fl-ewwel sular u tnejja wkoll hajt dobblu fil-kantina sottostanti, u tbiddlu kwazi is-soqfa kollha, liema soqfa kienu tax-xorok. Dejjem kif jghid ir-rapport, " tnehhew il-hnejjiet kollha li kien hemm fil-kantina, bix-xorok kollha , li kienu jserhu fuqhom, u flokhom saru soqfa tal-bricks fuq travetti tal-"prestressed concrete", li uhud mill-irjus taghhom jahbtu ma' fejn hemm it-twieqi tal-kantina ghal barra u ghalhekk xi rjus ta' dawn it-travetti u bricks jidhru wkoll mit-triq. Xi aperturi ghall-barra li kienu tal-injam, tbiddlu u saru tal-aluminium, li ntuza wkoll ghall-aperturi fuq gewwa u t-tarag gie pavimentat" . Ikompli r-rapport hekk: " 7. Minbarra li saru alterazzjonijiet strutturali estensivi gewwa l-fondi in kwistjoni billi tnehhew hitan interni f'kull sular, tbiddlu kwazi s-soqfa kollha, u nbdew zewgt ikmamar fuq il-bejt. Fejn tnehhew xi hitan saru travi tal-hadid, u s-soqfa godda saru tal-bricks fuq travetti tal-'prestressed concrete'. 8. L-art giet pavimentata b'madum tac-ciramika, kemm fil-pjan terren kif ukoll fl-ewwel sular, fejn xi madum sar ukoll b'disinn tan-Nazzar Lions Football Club, li ovjament m'huwiex addattat ghall-fondi in kwistjoni, hlief sakemm ikunu mikrija lill-imsemmija club.

9. Mill-informazzjoni pprovduta mis-sidien, u mill-evidenza fuq il-post, is-soqfa li tnehhew kienu tax-xorok imserha fuq travi tal-injam, li tnehhew minn fuq il-post. Is-soqfa fil-parti l-kbira taghhom jinsabu mghottija b'soffitt; u biex gie spezzjonat is-saqaf tal-ewwel sular, tressqu partijiet mis-soffitt ta' dan is-saqaf u gie kkonstatat illi ghalkemm tnehhew hitan interni, is-saqaf ta' kamra kbira li ghandha gallarija li taghti ghal fuq il-pjazza, thalla kif kien bix-xorok iserhu fuq travi tal-injam, u fejn tnehhew il-hitan interni ta' bejn il-kmamar li kien hemm, saru travi tal-hadid u tal-konkos.

Dan it-tibdil huwa grafikament illustrat permezz ta' sett ritratti esebiti mir-rikorrenti bhala Dok LM2 a fol 19. L-ilmenti tar-rikorrenti mhumiex ristretti biss ghall-aspett strutturali tal-fond izda jakkludu wkoll dak dirett lejn l-uzu tieghu meta jallegaw gestjoni ta' Take Away minflok il-bottegin li kien koncess bhala parti mill-kondizzjonijiet lokatizji. Tnejn mir-ritratti appena riferiti juru parti mill-elenku ta' ikel msajjar li joffri in-Naxxar Lions Football Club.;

Victor Martinelli, iben ir-rikorrenti Lilian Martinelli, li flimkien mar-ragel t'ohtu jiehdu hsieb l-affarijiet ta' l-istess Lilian Martinelli, qal (fol 21) illi wara Frar tal-1999 ma baqax jaccetta kera "ghar-raguni li bdejna nirrejalizzaw illi qed isiru certi tibdiliet fil-post, certu tibdil fl-istruttura, li kienu kontra x-xewqa taghna u li minn ricerki li ghamlu rrizulta li dawn ix-xogholijiet saru minghajr il-permess mehtieg mill-Awtorita' tal-Ippjanar, oltre li saru minghajr l-opra ta' perit arkitett. L-Awtorita' tal-Ippjanar harget avviz ta' waqfien u twettiq kontra is-sidien ghal dawn ix-xogholijiet. Fil-fond inbniet kcina ghar-restaurant li ukoll qed jopera bla permes tas-sidien u li ghandha "extractor fan" kbir hafna fuq il-bejt u hemm zewg min-nies mpjegati bhala koki;

Joseph Micallef, ir-ragel ta' bint Lilian Martinelli, xehed (fol 25) illi meta darba ghadda minn quddiem il-fond innota illi kien hemm armar mal-kazin u haseb li kien qed isir xoghol ta' manutenzjoni izda fil-granet u gimghat ta' wara zdied il-makkinarju u l-materjal tal-bini fosthom bricks, xorok u

travi u kien sar evidenti li kien qed isir xoghol ta' natura estensiva. Ir-ritratti minnu esebiti ttiehdu minnu bejn Gunju u Lulju 1999 u ohrjan f'Lulju tal-2000;

Rapprezentant tal-MEPA ikkonferma li x-xogholijiet lamentati inkluz il-bini ta' kmamar fuq il-bejt sar minghajr il-permess tal-Awtorita';

Il-periti membri tal-Bord, wara li accedew fil-fond, kellhom is-segwenti x'jirrelataw kif jidhru mill-perizja taghhom a fol 41:

Mill-access li ntghamel, gew osservati s-segwenti kambjamenti:

(a) xoghol fil-faccata ta' barra nkluz tbaqqin parzjali ta' hitan esterni, fejn il-kantun kien aktarx mittiekel maz-zmien, flimkien ma' xi aperturi fuq barra li ntghamlu ta' l-aluminium fejn originarjament kienu ta' l-injam.

(b) Tnehhija ta' hitan interni fil-pjan terren fis-settur tal-BAR, fejn ntghamlu wkoll xi "toilets" godda, fl-ewwel sular flimkien maz-zona tal-kantinar fejn kien gie demolit hajt franka dobblatura, u tbiddlu soqfa esistenti tax-xorok u dawn saru issa tal-bricks.

(c) Fil-kaz tal-kantinar, gew eliminati ghal kollox hnejjiet tal-franka li kien hemm originarjament, u intghamlu soqfa godda tal-briketti, imserrhin fuq travetti tal-prestressed concrete.

(d) Inbnew zewgt ambjenti godda fis-sular tal-BJUT.

(e) Fejn tnehhew is-soqfa esistenti tax-xorok, intghamlu soqfa godda tal-bricks imweznin fuq pre-stressed concrete beams.

(f) Intghamel pavimentar gdid tal-art b'madum tac-ceramika kemm fil-pjan terren kif ukoll fl-ewwel pjan, u gie osservat waqt l-access li, f'xi inhawi sar madum bid-disinn w il-motif tan-Naxxar Lions Football Club, li pjuttost jistona mill-at estetiku u artistiku, mehud in konsiderazzjoni li din hija ntrinsikament dar qadima u antika, f'posizzjoni centrali, fil-qalba tal-"village core", u b'karatteristici tipici originali ta' bini antik ta' dak il-perjodu ta' zmien.

(g) Xoghol ta' "cladding" jew infurratura ta' rham tat-turgien tal-franka flimkien ma' puggammann gdid.

Fost il-konkluzzjonijiet taghhom, l-periti membri rritenew illi "wiehed ma jistax jghid li tali xogholijiet li ntghamlu mill-inkwilini jammontaw ghall-hsarat strutturali u konsiderevoli fis-sens li tirrikjedi l-ligi, l-esponenti jhossu li ghandhom jirrelevaw li l-istess xogholijiet li gew esegwiti irrendew primarjament il-fond de quo tajjeb biss ghal skop kummercjali, u b'hekk nehhew kull valur intrinsiku li seta kellu originarjament bhlaa dar residenzjali antika fil-pjazza tar-rahal tan-Naxxar u biswit il-Knisja Parrokjali tal-istess rahal".

Alfred Grech , membru tal-club intimat jghid li meta flimkien mat-tezorier Brian Farrugia kien mar ghand ir-rikorrenti Lilian Martinelli sabiex ihallas il-kera u dan wara li kienu saru certi xogholijiet li kienu gia gharfuha dwarhom, "mhux biss accettat il-kera u taghtna r-ricevuta, imma anki ferhitilna tax-xoghol siewi li sar fil-fond fejn qaltilna "prosit" u talli gie sabih. Jghid li mhix l-ewwel darba li saru xogholijiet fil-club u r-rikorrenti Lilian Martinelli li kienet tiehu hsieb l-interess tal-ko-propretarji l-ohra qatt ma kienet kontra t-talbiet taghhom jew li jsiru xogholijiet "purche' li ma tohrog xejn flus u li iddahhal il-kera biss". Hu jikkowota lir-rikorrenti tghidlu: "morru irrangaw, l-aqwa li ma nhallasx…". "Fil-fatt, hi dejjem insistiet li x-xogholijiet isiru skond is-sengha u fil-fatt qatt ma garret";

Duminku Chircop, membru iehor u barman tal-Club intimat jghid li fl-1986 sar tibdil fis-sala ta' fuq billi minn zewgt ikmamar saret sala wahda u isfel inbena toilet ghan-nisa, trangat kantina u kienu mifrudin xi xorok. Dan ix-xhud iddepona permezz ta' affidavit prezentat fit-18 ta' Gunju 2002, allura ftit aktar minn sena minn meta kien intavolat ir-rikors promotur u jghid testwalment a fol 51: "Recentement, wara li konna ghamilna x-xogholijiet necessarji, sar 'reception' fejn l-istess Lilian Martinelli kienet mistiedna u giet u rat ix-xogholijiet u rajt li kienet kuntenta bix-xogholijiet li saru" izda mhux car jekk kien qed jirreferi ghax-xogholijiet lamentat jew xoghol iehor. Prezumibilment qed jirreferi ghax-xoghol lamentat ghaliex aktar tard jghid; "inhass il-htiega li jsiru dawn ix-xogholijiet, fosthom li lanqas ma stajna naghmlu bandiera tal-klabb

ghax ma kienx hemm sodizza bizzejjed u anke konna inkeccu n-nies kif jippruvaw jitilghu fuq il-bejt" fejn ghalhekk il-Bord jifhem illi kienu xogholijiet magguri fejn tbiddel is-saqaf tal-bejt. Bhax-xhud ta' qablu, Chircop jghid li meta "gharrafthom, u cioe anke Lilian Martinelli, li bhala klabb kien ser isiru certu xogholijiet, hi kienet pronta u qalet "morru irrangaw basta li ma ddahlunix fl-ispejjez. F'dan ir-rigward tal-barka taghha stess, u dan bhalma sar anke fil-passar, saru x-xogholijiet mehtiega. Fil-fatt wara li saru x-xogholijiet hi stess kienet giet il-klabb u qalet "prosit" ghax-xogholijiet li saru u anke accettat il-kera, ghan-nom tal-werrieta l-ohra…" Kif ser jirrizulta aktar tard, l-intimati jallegaw illi Lilian Martinelli kienet talbet awment fil-kera u dan ix-xhud jghid lli kienet talbet li l-kera tawmenta ghal mittlira maltin fis-sena u l-kumitat ma kienx qabel ma' dan u kien ghalhekk li inbdew dawn il-proceduri. L-istess Domenic Chircop xehed quddiem dan il-Bord (fol 145 *et seq)* u qal li saru diversi xogholijiet tul dawn l-ahhar hamsin/sittin sena li l-club ilu mikri lilhom u ghad jonqos xoghol xi jsir izda issa kollox huwa mizmum u kull darba li kienu mehtiega xogholijiet kien jintalab permess minghand Lilian Martinelli. Hu baqa' jinsisti li kull meta infurmaw lir-rikorrenti bi htiega ta' xogholijiet, Lilian Martinelli dejjem insistiet li jaghmlu huma basta ma jdahluwiex fi spejjez. Ix-xogholijiet dejjem saru bil-voluntiera u dejjem iddiskutew ma' periti li jiffrekwentaw il-club li dejjem qalulhom ihallu l-faccata kif inhu u sabiex jimxu skond ir-regolamenti. Hu kien imur bil-kera ghand ir-rikorrenti meta kienet tghix tas-Sliema u kien ukoll mar ikellimha n-Naxxar flimkien ma' Joe Camilleri u Alfred Grech dwar li kienu ser jaghmlu xi xogholijiet u dwar hsarat fit-tromba li kienet fi stat li taqa' (fol 172). In kontro-ezami Chircop xehed li kien infurmaha li kienet ser ssir rinnovazzjoni tal-kazin u mistoqsi jekk kienx specifika li kien ser isir xoghol ta' dik il-portata wiegeb illi qaltilhom morru ghamlu li tridu u ddahluniex fi spejjez.

Joseph Camilleri, membru iehor tal-kumitat, bazikament ma qal xejn divers mix-xhud Domenic Chircop izda zied li Lilian Martinelli qatt ma baghtet ittra ta' oggezzjoni "ghax hi kienet taf x'konna qeghdin naghmlu" (fol 54). "Lilian Martinelli kemm il-darba giet izzurna w hi qatt ma qalet

xejn" (fol 54). Dan ix-xhud ikkonferma ukoll illi wara li saru ix-xogholijiet Lilian Martinelli ghamlet talba sabiex il-kera tizdied ghal mitt lira Maltin u din it-talba ghamlitha lilu fil-presenza ta' certu Paul Vella u minkejja li l-Klabb kellu risposta negattiva ghal din il-roposta, Lilian Martinelli "xorta kienet lesta li taccetta l-kera pero' niesha li riedu zieda fil-kera ma riedux jaccettaw il-kera".

Ir-rikorrenti Lilian Marinelli cahdet kategorikament li hi jew xi ko-propretarji ohra qatt taw permess biex isiru xogholijiet fil-club u li qatt kienet infurmata b'xi xogholijiet. R-rikorrenti esebiet ittra, Dok LM a fol 56, li hija iffirmata "Lilian Marintelli" izda tghid li din ma kitbithiex hi u kien kitibiha huha Robert Santucci u iffirmaha ghaliha. Din l-ittra qed tkun riprodotta u tghid hekk:

*"Sinjuri tal-Kumitat, Jiena Lilian Marinelli, sid il-kera tal-club tal-football nixtieq nitkellmu rigward il-kera tal-kazin. Dan gie mikri 60 sena ilu lin-Nutar Spiteri L 30 lira fis-sena.*

*Iz-zmien inbidel u llum L30 tletin lira kera fis-sena ma huma xejn. Jiena nixtieq li il-kera joghla ghal mitt LM100 fis-sena b'dan il-mod. Il-kontribuzzjoni il-kbira ghandu johrogha tal-bottegin li bhal issa qieghed igawdi hafna kummerc tajjeb bit-take away specjalment fil-weekends. Dan ghandu ikun ragunevoli bizzejjed ghax jaf bir-ragali li jrid ihallas biex jiftah naqra ta' toqba u qatt ma ser isib posizzjoni bhal dik li ghandu. Ghaldaqstant ghandu joffri d-differenza tal-kera hu. Ahna il-club gie mikri bhala club tal-football u mhux bhala take away. Ahna ma tajna l-ebda permess biex il-club jaghmel take away bar. Nixtieq li naslu ghall-ftehim pacifiku. Lilian Martinelli.*

Ir-rikorrenti tghid li ma fadal ebda pregju arkittettoniku minn din id-dar antika: "waqqawha u harbtuha, qoxra biss fadal" (fol 64). Hija cahdet li kienet accettat il-kera f'isimha jew f'isem il-werrieta u spjegat li l-ahhar kiera li qatt accettat kienet tas-sena 1999 u dan kien peress li ma accettatx cheque tal-Club intimat. Il-Bord ma jarax li ghandu jiccita dak li tirritjeni l-gurisprudenza dwar *cheque* ta' kera mhux msarraf mis-sid ad insaputa tal-kerrej stante

li skond l-istess rikorrenti, l-kera kien sussegwentement depozitat il-Qorti mill-intimat b'cedola numru 2643/2000. Ix-xhud cahdet ukoll li qatt zaret il-club u kkumplimentathom tax-xoghol stante li ilha ma tersaq 'l hemm sa mill-1998.

Carmelina Pisani, Vincent Santucci u Robert Santucci, rikorrenti ohra fil-kawza, lkoll cahdu l-allegazzjonijiet maghmula minn Joseph Camilleri fl-affidavit tieghu. Tajjeb li jkun puntwalizzat f'dan l-istadju li fl-affidavit tieghu, Robert Santucci iffirma b'salib quddiem in-nutar pubbliku li ircieva l-affidavit ssominstra l-gurament u quddiem ix-xhieda hemm indikati. Dan qed ikun rilevat ghaliex Lilian Martinelli tghid li l-ittra Dok LM kitibha u iffirmaha l-istess Robert Santucci. Fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2007, allura snin wara li kienet xehdet l-ewwel darba, Lilian Martinelli, mistoqsija jekk qatt tatx permess ghal xogholijiet qalet li hi kienet mhedda u qaltilhom sabiex igibu perit biex jaraw xi spejjez kien hemm izda ma spjegatx ulterjorment dwar dan l-allegat theddid u min ghamlu. Spjegat ukoll li l-ahhar darba li marret il-club kien fl-1995 meta marret tigbor il-kera. Il-Bord jinnota li f'xhieda precedenti taghha qalet li l-ahhar li marret il-club kien fl-1998. Din id-darba qalet li tghaddi minn quddiem il-Club izda qatt ma dahlet gewwa. Dwar dan it-theddid xehed Joseph Micallef (fol 183 *et seq)* li huwa mizzewweg lil bint Lilian Martinellli meta qal li l-membri tal-kumitat tal-kazin kienu jigu jhallsu l-kera u joffru somom mizeri ghax-xiri tal-fond u jallegaw hsarat fis-saqaf u kien hu li jammonixxi lil Lilian Martinelli li dawn kienu qeghdin ibezzawha. Dan ix-xhud innega li Lilian Martineli, fil-presenza tieghu, qatt ma kkonsentiet ghal-xogholijiet fil-fond.

Rikapitolati dawn il-fatti emergenti mid-deposizzjoni tax-xhieda mressqa, dan il-Bord hu tal-fehma illi fl-ewwel lok ma hemm ebda dubbju li ix-xogholijiet lamentati huma ta' natura strutturali estensiva li kien jehtieg preventivament il-kunsens tas-sidien ghalihom la darba l-fond kien ser ikun snaturat. Ara per ezemplari il-kawza **Mary mart Victor Calleja et vs David Radmilli et App 30.11.2004**. Il-Bord huwa ghal kurrenti ukoll ta' dik il-gurisprudenza li

tirritjeni li certu tibdil anke strutturali jista’ jsir mill-inkwilin anke minghajr il-permess tas-sidien jekk dan ikun ghall-ahjar godiment tal-haga mikrija izda, ezaminati l-atti processwali huwa evidenti illi din il-kawza hija destinata li tkun deciza fuq l-attendibilita’ o meno tax-xhieda taz-zewg nahat aktar milli fuq l-entita’ ta’ tibdil strutturali u jekk dan ghandux iwassal ghas-sanzjoni estrema ta’ zgumbrament. Jibda’ biex jinghad illi dan il-fond ilu mikri bhala kazin tal-futbol ghal dawn l-ahhar hamsin/sittin sena. Kif qalu ix-xhieda tal-klabb intimat, tul dawk iz-zminijiet saru diversi xogholijiet. Jemergi izda illi dak li ta lok ghal din il-kawza huwa ix-xoghol estensiv konsistenti fi bdil ta’ soqfa u bini ta’ kmamar fuq il-bejt kif ukoll l-uzu ta’ parti mill-kazin bhala Take-Away. Id-dirigenti tal-klabb jghidu li huma minn dejjem talbu l-permess tas-sid, senjatament Lilian Martinelli, ghal kull xoghol li kien mehtieg fil-kazin u anke infurmawha b’dak kollu li kienu qeghdin jaghmlu u jghidu li r-risposta taghha dejjem kienet tkun li jistghu jaghmlu li jridu basta ma jdahluhiex fi spejjez. Huwa minnu li meta ghamlu x-xogholijiet lamentati huma ghamlu dan minghajr il-permessi mehtiega tal-awtoritajiet izda dan m’ghandux talvolta ifisser li ghamlu hekk ukoll minghajr il-kunsens tas-sidien. Il-verzjoni tar-rikorrenti hija anqas attendibbli minn dik tal-kumitat tal-kazin de quo. Ix-xhud principali tar-rikorrenti, Lilian Martinelli tghid li qatt ma tat il-kunsens taghha ghal dawn ix-xogholijiet u qatt ma kienet infurmatha dwarhom. Din ix-xhud pprezentat ittra li permezz taghha principalment talbet awment fil-kera izda tghid illi minkejja li hemm il-firma taghha fuqha din kitibha huwa Robert Santucci li miet fil-mori tal-kawza. Robert Santucci ipprezenta affidavit u ma semma xejn dwar din l-ittra u dwar il-fatt li kitibha hu u li qieghed fuqha il-firma ta’ Lilian Martinelli. L-istess affidavit huwa ffirmat permezz ta’ salib li allura ifisser li Robert Santucci ma kienx litterat u ghalhekk jehtieg lill-Lilian Martinelli tispjega, haga li ma ghamiltx, in-natura ta’ din id-diskrepanza. L-istess Lilian Martinelli, wara diversi okkazzjonijiet li kellha biex tiddeponi, haga insolita din li tithalla tiehu l-pedana tax-xhud aktar minn darba aktar wara li ghalqet il-provi, f’sentenza wahda qalet li kienet mhedda mill-membri tal-kumitat. Minkejja din l-allegazzjoni serja hija ma resqet ebda prova dwar dan is-sentiment, haga din li Joseph

Micallef jghid li hu stess kien qal lilha meta l-membri tal-kumitat ghamlu offerta biex jixtru l-kazin wara li ilmentaw minn hsarat fis-soqfa. Fl-ittra Dok LM, l-awtur taghha jaghmel suggeriment li d-differenza fil-kera johrogha tal-bottegin ghaliex jidher li kien sejjer tajjeb bit-Take-Away, haga din li turi li l-awtur jew awtrici kienet konsapevoli tal-fatt illi l-bottegin issa kien qed joffri servizz akbar minn qabel, haga din li ma kienitx mohbija peress illi fuq il-bankina stess tal-kazin kien hemm riklamat it-tip ta' ikel servut fuq il-post. Lilian Martinelli tghid li hi kienet tghaddi minn quddiem il-kazin minkejja li kienet toqghod tas-Sliema. Huwa inverosimli li qatt ma nnutat ix-xoghol li kien qieghed isir fit-trasformazzjoni tal-fond anke ghaliex mix-xhieda minnha prodotti, irrizulta illi dawn ix-xogholijiet kienu ukoll hafna vizibbli minn barra anke minhabba l-makkinarju li kien qed jintuza. Jekk it-twieqi tal-injam inbiddlu bi tiweqi tal-*aluminum* hija haga li tista' tkun facilment osservata. Joseph Micallef stess jghid li tul diversi giighat ra ix-xoghol, makkinarju u materjal dejjem jizdied. Dan ix-xoghol ma setghax isir bil-mohbi anke ghaliex huwa Klabb miftuh ghall-pubbliku. Bhalma jigri ta' spiss, jidher li l-generazzjoni ta' wara r-rikorrenti deherilhom li n-nuqqas ta' Lilian Martinelli li ticcensura l-agir tal-kazin intimat kien ta' pregudizzju ghad-drittijiet futuri taghhom, izda dan il-Bord ma jara ebda raguni ghaliex m'ghandux jemmen il-verzjoni tal-membri tal-kumitat tal-klabb illi dawn ix-xogholijiet saru bil-kunsens tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, l-Bord jichad it-talba bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------